**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2162/98 AJM

Kawza numru 31

Maypole Limited

Vs

Mario Micallef

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-22 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li l-konvenut huwa debitur versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u mitejn lira maltin (LM1,200) prezz ta' hobz mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut liema dejn huwa cert, likwidu u dovut; illi l-konvenut nonostante li gie interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti; illi fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1,200 rapprezentanti prezz ta' hobz mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

Bl-imghax kummercjali u l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Gunju 1998 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tat-13 ta' Novembru 1998 meta l-konvenut gie jammetti jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fid-19 ta' Novembru 1998 li permezz taghha eccepixxa illi l-ammont mitlub jrid jigi ridott (b') ammont iehor in linea ta' tpacija in parte konsistenti fi spejjes inkorsi mill-eccipjent a beneficcju tas-socjeta' attrici rappresentanti tiswija f'vetturai proprjeta' tas-socjeta' attrici.Kwindi ghandhom jigu applikati fic-cirkostanzi l-effetti tal-artikoli 1196 u 1197 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Diembru 1998 meta d-difensur tal-attur iddikjara li l-eccezzjoni ta' tpacija mhux ammissibbli inkwantu mhux qed jigi indikat ammont likwidu u dovut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjoni tad-difensuri.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Ma jidhirx li hemm kontstazzjoni bejn il-kontendenti dwar l-ammont realment dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici. Dan jidher sew mill-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet qabel dawn il-proceduri fejn il-konvenut filwaqt li ma ikkontestax l-ammont reklamat, jghid biss li l-ammont ghandu jigi ridott b'ammont allegatament dovut lilu. Ghalhekk il-kwistjoni fir-realta' tikkoncerna, u hekk hija impostata fin-nota tal-eccezzjoni tal-konvenut, id-dritt li dan jpaci, almenu in parti, l-ammont 'dovut' lilu ma l-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

Il-konvenut qed jsostni li waqt li huwa kien jahdem "on a commission basis" mas-socjeta' attrici billi jiehdilha hsieb id-distribuzzjoni tal-prodott taghha konsistenti f'hobz fid-distrett ta' San Paul l-Bahar, huwa inkorra spejjes ghat-tiswija tal-Van li kien gie provdut lilu mis-socjeta' attrici ghall-uzu tieghu waqt ix-xoghol. Dawn l-ispejjes konsistenti principalment f'tiswijiet fuq il-'body' tal-Van bhal ma huma sand blasting, xoghol ta' titlieh u spray painting jammontaw ghal cirka LM700 kif jidher mid-dokumenti ezebiti mill-istess konvenut.

It-tpacija hija regolata bl-artikolu 1196 et sekwitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhala regola generali huwa provdut li meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija b'mod li l-krediti rispettivi huma kancellati in toto jew sal ammont fejn dawn jkun indaqs. Din it-tpacija topera 'ipso jure' u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Izda l-ligi trid li sabiex tali tpacija issehh jrid jkun hemm zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita

determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. L-artikolu 1197 subinciz (2) jkompli jispjega li d-dejn hu likwidu meta hu cert ukoll f'dik li hija kwantita'.

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tistax tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut billi mill-provi prodotti ma jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti sabiex topera tpacija. Infatti jidher li hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti fuq l-ezistenza tal-istess kreditu reklamat mill-konvenut. Il-konvenut jsostni li huwa kellu jiehu biss hsieb is-'service' tal-van u dawk l-ispejjes rizultanti minn 'wear and tear' bhal hsarat fil-magna, konsegwentement hu jghid li l-ispejjes li huwa inkorra ghand it-tellar u spray painting mhux koperti bil-ftehim li kien hemm mas-sidien tal-van u cioe is-socjeta' attrici u ghalhekk ghandu jigi rimborsat bihom. L-atturi isostnu xort ohra billi jghidu li huma taw il-van lill-konvenut biex jinqeda fix-xoghol ta' distribuzzjoni tal-hobz u filwaqt li huma kellhom ihallsu biss il-licenzja u l-insurance, il-konvenut kellu jiehu hsieb l-ispejjes l-ohra kollha. Il-kreditu ghalhekk ma jistax jinghad li kien wiehed cert jew dovut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut billi ma tirrizultax t-tpacija kontemplata mil-ligi, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsewgentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u mitejn lira maltin (LM1,200) bilanc ta' prezz ta' hobz fornit lill-konvenut bl-imghax legali mid-9 ta' Gunju 1998, cioe d-data ta' l-ewwel interpellazzjoni billi ma tirrizultax data precedenti meta l-ammont kien dovut, u tirrizerva kull dritt tal-konvenut si et quatenus.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri